# Għejjun ta' Ilma Frisk u Dejjem Ħaj

Ħolqa bejn il-Ħbieb ta' Missirijiet il-Knisja
ppubblikata mis-Soċjeta' Patristika Maltija

Nru 13   6 ta' Lulju 2018

## Kelmtejn bejn il-Ħbieb

Għeżież ħbieb,

Is-sliem! Nistqarr magħkom li għaddew aktar minn xahrejn mill-aħħar ħarġa ta' din il-ħolqa bejn il-ħbieb.

Irrid ngħid b'sodisfazzjon kbir li t-taħdita li għamel Fra Gioele Galea fil-11 ta' Mejju li għadda kienet suċċess straordinarju. Madwar tmenin ruħ imlew is-Sala tal-Laqgħat (ir-Refettorju l-Antik) fil-Kurja tal-Arċisqof. Ngħid għalija, stajt inħoss l-interess ġenwin u kbir li wrew il-parteċipanti. Mhux biss il-kontenut kien interessanti u provokattiv, imma l-manjiera kif dan ġie kkomunikat minn Fra Gioele kienet xhieda qawwija minnha nfisha. Il-kelliem ma kienx qed jitkellem mill-kotba jew wara xi riċerka li kien għamel, imma tkellem mill-esperjenza.

Stajt nara l-għatx tal-pubbliku għall-Patrijiet tad-Deżert u dak kollu li huma tawna xhieda tiegħu. Tant għarafna dan, li s-serje ġdida – il-ħames waħda – fuq Radju Marija (Lulju-Settembru 2018) hija ddedikata lill-Patrijiet (u l-Ommijiet) tad-Deżert.

L-interess fl-ispiritwalità marbuta mal-Missirijiet tal-Knisja dehret ukoll f'kull irtir organizzat mis-Soċjeta' Patristika. Nittama li jkollna aktar esperjenzi bħal dawn fil-futur. Il-*feedback* tagħkom ġie apprezzat u milqugħ.

Inselli għalik. Nixtieqlek kull ġid fil-Mulej.

*Dun Hector Scerri*
President

## Jitkellmu l-Missirijiet tal-Knisja ...

- "Nirċievu l-Ispirtu s-Santu biex inkunu nafu l-ħwejjeġ ta' Alla" (San Ilarju ta' Poitiers).
- "Akta ma wieħed jaqra ta' spiss il-Kotba Mqaddsa, aktar jifhimhom aħjar ... bħalma jiġri fl-għelieqi: aktar ma tħaddem l-art, aktar tagħtik frott" (San Sidor ta' Sivilja).
- "Din hi x-xewqa tagħna: li nbatu għall-imħabba ta' Sidna Ġesù Kristu, u hekk insalvaw" (San Ġustinu).

## *Tkompli s-serje f'Il-Leħen*

Kull tieni Ħadd tax-xahar, l-Editur tal-gazzetta *Il-Leħen*, jagħtina spazju biex niktbu dwar xi wieħed mill-awturi taż-żmien patristiku. Bħalissa, qegħdin niffukaw l-aktar fuq awturi li huma ferm anqas magħrufin. Fil-ħarġa ta' *Il-Leħen* tat-8 ta' Lulju, Dun Jonathan Farrugia qed jikteb dwar Adamanzju.

## *Fuq Radju Marija FM 102.3*

Il-Programm ta' kull ġimgħa *Għejjun ta' Ilma Frisk u Dejjem Ħaj* qed jixxandar hekk:

* Kull nhar ta' Erbgħa fit-8.00 pm, b'ripetizzjoni,
* Kull nhar ta' Ħamis fis-2.00 am, u
* Kull nhar ta' Ġimgħa fit-3.30 pm.

Is-suġġett huwa l-Patrijiet tad-Deżert. Ingħaqdu magħna biex tiskopru mhux biss ir-rakkonti imma wkoll l-għerf ta' dawn il-ġganti tal-ispiritwalità Nisranija tal-ewwel sekli... għerf prattiku biex tgħix il-ħajja Nisranija.

## *Korsijiet dwar il-Missirijiet tal-Knisja*

Il-Pastoral Formation Institute tal-Arċidjoċesi qed torganizza kors ieħor dwar il-Missirijiet,
**Lectio Patrum II.**
Għal aktar tagħrif, żur is-sit elettroniku tal-PFI:
http://www.maltapfi.org/course.php?c=Lectio+Patrum+II&i=13
jew http://www.maltapfi.org/courses.php

L-Istitut Agostinjan, ilu snin twal, jorganizza korsijiet varjati. Kors ieħor li se jingħata huwa dwar **Wistin ta' Ippona u xi Missirijiet tal-Knisja: Bennejja ta' Pontijiet bejn ir-Reliġjonijiet.**
Għal aktar tagħrif, ċempel 2122 3427 jew 2124 9407 jew 2124 5934, jew 2124 3557 extn 143/150, jew 2131 3644

## *Nizzel fid-djarju tiegħek*

Nhar il-Ġimgħa 12 t'Ottubru, se jiġi mniedi l-ktieb tar-Rev. Prof. Salvino Caruana OSA, *Jien s'hawn nista' (Martinu Luteru). Riforma jew riforma?*
Ħin: 6.30pm Post: L-Istitut Agostinjan, Tal-Pietà